**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Jesmond Sghendo**

**Kumpilazzjoni Numru: 810/2014**

**Illum, 8 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jesmond Sghendo detentur tal-karta tal-identita` numru 070770M akkuzat talli f'Awwissu 2012 f'dawn il-Gzejjer, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-

somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' Arriva Malta Ltd.

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkoztanzi, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Arriva Malta Ltd.

U aktar talli uza kodici ta' dhul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew

informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru elfejn u sbatax (2017) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 18, 337B (1) (2) (3) (4) (5)(a)(b) (6), 337C (1)(i) (2)(a)(b) (3)(a)(b), 337F (1) (2) (3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi u mizapproprjazzjoni mill-imputat ghad-dannu tal-kumpanija Arriva Malta Limited u cioe` l-kumpanija li kienet timpjega lill-imputat bhala *bus driver* fuq bazi *full-time.* Illi l-imputat allegatament zamm il-flejjes tal-biljetti ghad-detriment ta' Arriva Malta Limited u dan billi uza diversi *pin numbers* li ma kinux tieghu.

Illi xehed l-**Ispettur Jonathan Ferris**, fejn spjega illi kien hemm rapport min-naha tal-kumpanija Arriva Malta Ltd. fuq diversi xufiera, izda b'mod partikolari fil-konfront tal-imputat Jesmond Sghendo. Ix-xhud wara li iddentifika l-imputat fl-awla spjega illi l-imputat kien ghamel misapproprjazzjoni minn fondi li kienu gew fdati lilu fil-kapacita` tieghu ta' xufier. Ix-xhud spjega illi l-imputat kien suppost jiddepozita n-noll ta' kull biljett fil-magni gewwa d-*depots* relattivi u cioe` gewwa dik tac-Cirkewwa, tal-Marsa jew tal-Furjana. Ix-xhud qal illi din il-misapproprjazzjoni kienet ammontanti ghal tmint' elef u hamsa u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€8,095.78c), u dan ghall-perjodu bejn id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu elfejn u hdax (2011) u s-sittax (16) ta' Lulju elfejn u tnax (2012). Jispjega illi l-imputat ghamel uzu minn *PIN number* iehor partikolari sabiex il-biljetti jigu registrati f' *suspense account*, b'dan illi jkun difficli ghall-kumpanija li tiddentifika x-xufier inkwistjoni. Madanakollu, ix-xhud qal li wara l-indagini tal-kumpanija, gie stabbilit illi kien propju l-imputat li kien qieghed jaghmel uzu minn dan il-*PIN number*. Ix-xhud jispjega illi waqt l-interrogazzjoni, l-imputat

stess ammetta ghal dan l-akkadut hekk kif sostna illi huwa ghamel hekk ghaliex kellu problema ta' finanzi, eminenti mill-vizzju tal-loghob, u li kien beda jhallas is-somma ta' mitt ewro (€100) kull hmistax mill-paga tieghu sabiex jirristitwixxi l-ammont pendenti. Illi in vista ta' din l-istqarrija, ix-xhud jispjega li ma kellux ghazla ohra ghajr li johrog l-akkuzi rispettivi fil-konfront tal-imputat Jesmond Sghendo. L-Ispettur Ferris esebixxa *folder* li gie mmarkat bhala Dokument JF3, dikjarazzjoni fejn l-imputat ghazel li jezercita d-dritt tal-ghajnuna legali qabel l-interrogazzjoni li gie mmarkat bhala Dokument JF4 u l-istqarrija tal-imputat li gie mmarkat bhala Dokument JF5.

Illi fl-istqarrija tieghu, **Jesmond Sghendo** kkonferma illi ghandu somma pendenti u dovuta lill-kumpanija Arriva Malta Ltd. Qal li jrid jiccekkja kemm huwa ezatti dan l-ammont peress li ilu madwar sitt xhur ihallas mitt ewro (€100) kull hmistax mill-paga tieghu. Jghid illi fiz-zmien li kien ghadu mpjegat fi hdan Arriva Malta Ltd., huwa kien impjegat fuq kuntratt indefinit u ghamel madwar tlettax (13)-il xahar jahdem hemm. Jghid illi r-

raguni li kien twaqqaf milli jkompli jahdem ma' din il-kumpanija hija minhabba xi incident kif ukoll *"ghaliex jiena kont gbart xi flus tan-noll li jiena ma kontx roddejt lura lill-kumpanija."* Huwa ammetta li kellu flus tan-noll jew dhul iehor mix-xoghol tieghu bhala xufier f'isem il-kumpanija li ma hallasx lura lil Arriva Malta Ltd. Ammetta wkoll illi kien ghamel uzu minn *PIN number* partikolari sabiex johrog biljetti li ma jkunux jidhru fuq ismu. Dan kien jaghmlu ghaliex kien "*bzonn il-flus*." Ammetta wkoll li kellu problema tal-vizzju tal-loghob. Jispjega illi l-flus li kellu suppost jiddepozita f'isem il-kumpanija kien juzahom sabiex ihallas id-dejn li kellu akkumulat matul iz-zmien. Ammetta wkoll li kien iddispjacih ta' dak li ghamel tant li meta l-management tal-Arriva kienu kellmuh huwa kien qabel maghhom li jiffirma karta rigward il-bilanc dovut minnu.

Illi xehdet **Carmen Galea** fil-kariga ta' *Finance Administrator* ta' *Malta Public Transport*. Ix-xhud gharfet lill-imputat fl-awla u sostniet illi huwa kellu jaghti lil Arriva xi flus minhabba li meta kien qed ibiegh biljetti ma kienx jiddepozita

l-flus kollha. Qalet li l-Arriva taghtu l-opportunita` li jkompli jahdem u jibda jhallas xi haga minn dan l-ammont. L-imputat kien qed jaghti mitt ewro (€100) mill-paga tieghu izda kien qed jispicca jiehu mitejn ewro (€200) minflok u ghalhekk l-ammont dovut minnu baqa' dejjem jizdied. Hija spjegat li l-ammont li kien jithallas direttament mill-paga tal-imputat kien jithallas volontarjament mill-imputat. Tispjega illi kull xufier kien ikollu *pin number* appozitu li jintuza sabiex '*jillogja'* mas-sistema elettronika tal-kumpanija, b'dan illi kull akkwist ta' biljett jigi mmarkat fuq is-sistema. Imbaghad, fl-ahhar tal-gurnata tax-xoghol, ix-xufiera huma mistennija illi jiddepozitaw in-noll f'wahda mid-*depots* rispettivi. Mad-depozitu, is-sistema tevalwa l-ammont ta' bejgh ta' biljetti u tikkumparah mal-ammont ta' noll dovut u ma' dak depozitat. Minn hemmhekk indunaw li l-imputat ma kienx qed jitfa' ammont skont kemm kien biegh u ghalhekk kienu kellmuh. Kienu kellmuh tlett darbiet fejn dejjem ammetta l-ammonti dovuti minnu lill-Arriva. Ix-xhud ikkonfermat illi l-ammont li ghadu pendenti jammonta ghal tmint elef u hamsa u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€8,095.78c).

L-istess Carmen Galea pprezentat serje ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dokumenti CG1a u CG1b fost liema hemm l-ammonti li l-imputat ghandu jaghti lil Arriva, il-hin li kien fuq il-*bus,* it-*tickets* kollha li biegh u kemm suppost tefa' fl-*iscan machine* u anki d-differenza.

Illi in kontroezami l-istess Carmen Cachia qalet illi hija flimkien mal-kollegi taghha kienu jiccekkjaw il-flus tal-i*scan machine* ikkumparati mal-kwantita` ta' biljetti li x-xufiera jkunu bieghu. Tispjega illi fl-ahhar tal-gurnata tax-xoghol, ix-xufier huwa mistenni illi jmur gewwa wahda mid-*Depots* appoziti, b'dan illi jiddepozita l-flus tan-noll fi *scan machine.* Wara li jsir dan, ix-xufier jinghata ircevuta mill-istess magna. Ix-xhud spjegat illi x-xufiera jzommu dawn l-ircevuti bhala konferma ghall-ammont depozitat, u dan specjalment meta l-ammont depozitat ma jkunx jaqbel mar-*reading* fis-sistema. Ix-xhud wiegbet illi kien hemm diversi xufiera li ma kinux jaqblu ma' dan ir-*reading*. Tghid illi fil-kaz tal-imputat, hija kienet ikkomunikat mieghu ghal diversi drabi, fejn huwa stess ammetta ghal dan l-izbilanc u ffirma ghalih ukoll.

Illi x-xhud issemmi illi l-imputat kien gie kkunttatjat u mgharraf b'dawn l-izbilanci ghal diversi drabi: fil-hmistax (15) ta' Frar elfejn u tnax (2012), fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u tnax (2012), fit-tletin (30) ta' April elfejn u tnax (2012) u fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elfejn u tnax (2012). Tispjega illi dan l-izbilanc sehh bejn it-tletin (30) t'Awwissu elfejn u hdax (2011) u s-sittax (16) t'Awwissu elfejn u tnax (2012). Hija qalet li l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) kien *"the last time he was spoken to and made aware of this misappropriation."* Ix-xhud tippreciza illi l-imputat kien ammetta ghal dan l-izbilanc, iffirma dikjarazzjoni ghalih u accetta li jibda jhallas pagamenti sabiex ipaci l-ammont mizapproprijat. Meta mistoqsija dwar min investiga ir-*readings* tas-sistema, hija xehdet illi hija flimkien ma' Lara Zammit investigaw dawn ir-*readings* u li ma tqabbad l-ebda *special investigation team* f'dan ir-rigward. Ix-xhud tghid illi wara illi l-imputat kien jiehu l-ircevuti ghandhom, mis-sistema kienu jindunaw illi jkun hemm zbilanc fil-flus depozitati. Tispjega illi f'kazijiet bhal dawn il-Bord tal-Kumpanija ma jaqbadx u jkecci lin-nies koncernanti, izda

jaghtihom cans sabiex ipacu l-ammonti neqsin. Biss f'dan il-kaz, l-ammont nieqes kien dejjem qieghed jikber u kien ghalhekk illi gie itterminat l-impjieg tal-imputat. Fl-istess xhieda ntqal illi l-imputat uza *pin number* iehor sabiex jittenta jqarraq bir-*reading system*. Dan ghaliex kien uza *pin* ta' xufier partikolari li f'dak il-hin ma kienx suppost ikun xoghol. L-istess xhud ikkonfermat bil-gurament ic-cifra dovuta mill-imputat ammontanti ghal tmint elef u hamsa u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€8,095.78) u spjegat illi din ic-cifra hija prodotta direttament mir-*reading system* utilizzata mill-kumpanija. L-ammont totali johrog minn dokument esebit mix-xhud a fol. 514 (Dok. YF).

Illi xehed **Joseph Saliba** inrapprezentanza ta' *Jobs Plus* fejn ipprezenta l-*employment history* tal-imputat Jesmond Sghendo minn fejn jirrizulta li l-imputat kien impjegat *full-time* ma' Arriva Malta Limited bhala *bus driver* mill-31 ta' Lulju elfejn u hdax (2011) sad-9 ta' Awwissu elfejn u tnax (2012).

Illi xehdet **WPS 171 Kimberly Pisani** fejn ikkonfermat il-firma taghha fuq id-dikjarazzjoni tal-imputat ghall-ghajnuna legali. Hija qalet ukoll illi minhabba l-passagg taz-zmien ma kinitx f'posizzjoni illi tiddentifika lill-istess imputat fl-awla.

Illi xehdet **Dr. Joyce Cassar** fejn spjegat illi meta gie skopert li kien hemm xi haddiema fi hdan il-kumpanija Arriva Malta Ltd. li kienu jaghmlu *misappropriation of funds*, dawn kienu jissejhu mid-dirigenti tal-kumpanija sabiex, bi procediment ta' dixxiplina, jinghataw terminu sakemm jistghu jissaldaw dawn il-pendenzi. Qalet li jekk kienu jhallsu ma kienx jigi pprocessat min-naha tal-Finanzi b'mod legali u ahfna haddiema setghu jaghmlu hekk. Bil-gurament hija kkonfermat il-firma taghha fuq l-ittra li ntbaghtet lill-imputat li tinsab a folio 46 tal-atti processwali.

Illi xehed **PS 856 Conrad Falzon** fejn ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istqarrija tal-imputat. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Rat illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019) il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza stante li l-imputat ma ressaqx provi in difiza u dan minkejja li nghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza tittratta r-reat ta' misapproprjazzjoni fejn l-Artikoli 293 u 294 jghidu s-segwenti:

*"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi f'dan l-istadju qed issir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs George Grech</u> deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April elfejn u disgha (2009) li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li :

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua*

*illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita*

*(e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u**

**Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).**

Illi f'dawn il-proceduri ghandna l-istqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha fejn l-istess imputat ezercita d-dritt tal-ghajnuna legali qabel l-interogazzjoni. Fl-istqarrija tieghu Jesmond Sghendo kkonferma u ammetta illi huwa kellu l-vizzju tal-loghob u li kellu fil-pussess tieghu flus tan-noll u flus li jkun gab mix-xoghol tieghu bhala xufier liema flus kienu jappartjenu lil Arriva Malta Ltd li ma kienx radd lura. Huwa qal li ghandu bilanc pendenti mal-kumpanija izda ma qalx kemm huwa dan il-bilanc. Huwa stess qal li l-flus li kellu suppost jiddepozita f'isem il-kumpanija kien uzahom sabiex ihallas id-dejn li kellu akkumulat matul iz-zmien.

Illi anki a bazi ta' din l-istqarrija biss jirrizultaw l-elementi tal-approprjazzjoni bla jedd skont l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz odjern jirrizultaw ukoll ic-cirkostanzi aggravanti kontemplati fl-artikolu 294 tal-istess Kodici u dan mid-dokumentazzjoni esebita mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Illi mid-dokument esebit a fol. 52 u a fol. 497 li huwa datat hmistax (15) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), johrog bic-car illi l-imputat Jesmond Sghendo rrikonoxxa l-fatt illi huwa debitur tal-kumpanija Arriva Malta Limited fis-somma ta’ sitt elef, hamsa u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€6,025.92). L-istess dokument gie wkoll iffirmat mill-imputat.

Illi mid-dokument esebit a fol. 56 u a fol. 501 datat sittax (16) t’April elfejn u tnax (2012), jirrizulta illi l-imputat ghal darb’ohra rrikonoxxa li huwa debitur tal-kumpanija Arriva Malta Ltd fis-somma ta' hamest elef, disa’ mija u disghin ewro u ghaxar centezmi (€5,990.10c). Dan id-dokument ukoll gie ffirmat mill-imputat.

Illi mid-dokument esebit a fol. 39 u a fol. 506 datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju elfejn u tnax (2012), johrog bic-car illi ghal darb'ohra l-imputat Jesmond Sghendo rrikonoxxa illi huwa debitur tal-kumpanija Arriva Malta Limited fis-somma ta' sebat elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,242.34c). Illi permezz tal-firma tieghu fuq din l-istess ittra huwa obbliga ruhu illi jhallas pagament ta' mitt ewro (€100) kull hmistax b'dan illi l-bilanc kellu suppost jigi saldat sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012).

Illi mill-ittra esebita a fol. 46 li hija datata disgha (9) t'Awwissu elfejn u tnax (2012), il-kumpanija Arriva Malta Ltd. gharfet lill-imputat li huwa rrikonoxxa li ghandu jaghti s-somma ta' sebat' elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,242.34c) lill-kumpanija Arriva Malta Limited fejn din tal-ahhar qalet li jekk dan l-ammont jithallas sal-wiehed u tletin (31) ta' Awwisu elfejn u tnax (2012) mhijiex ser tiehu azzjoni legali kontrih.

Illi l-Qorti tinnota li fl-istqarrija tieghu l-imputat stess ikkonferma li huwa ffirma karta mal-kumpanija Arriva Malta Limited rigward il-bilanc dovut minnu.

Illi ghalhekk jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita u anki mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni li jezistu c-cirkostanzi aggravanti imsemmija fl-artikoli 294 u dan ghaliex il-flus li l-imputat approprja bla jedd gew f'idejh u gew fdati lilu propju minhabba l-kariga tieghu fi hdan Arriva Malta Limited.

Illi apparti minhekk, il-Qorti tinnota li l-ammont li x-xhud Carmen Galea (*Finance Administrator* ta' *Malta Public Transport)* qalet li ghadu dovut mill-imputat johrog mid-dokument esebit a fol. 514 - u cioe` s-somma ta' tmint' elef u hamsa u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€8,095.78c).

Illi t-tieni (2) akkuza tittratta l-allegat frodi mill-imputat fejn qieghed jigi akkuzat talli ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn,

tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Arriva Malta Ltd.

Illi l-elementi rikjesti biex jissussistu r-reati taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Fil-ligi nostrana, biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’raggiri jew artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mis en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) – **Il-Pulizija vs Carmela German** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta’ Dicembru elfejn u erbgha (2004).

Illi x’jikkostitwixxi r-raggiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei: *“artifizio e’ ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento*

*della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se'richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera."*- Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356.

Illi sabiex tinstab htija ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` r-reat li bih jinsab akkuzat l-imputat, irid jirrizulta li kien hemm frodi jew truffa perpetrata li ggib telf patrimonjali lill-vittma u qliegh ghal min jeffettwa tali frodi. Ghaldaqstant huwa evidenti li sabiex jissussisti l-akkuza taht l-artikolu 308 irid ikun hemm prova cara li sar xi qliegh jew gwadann - **Il-Pulizija vs. Charles Le Brun** deciza mill-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April elfejn u sebgha (2007).

Illi ghalhekk huwa car li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda raggieri jew artifizzji u l-anqas biss ma kien hemm inkontri bejn l-element attiv tar-reat (imputat) u l-element passiv tar-reat (ufficjali tas-socjeta' Arriva) u ghalhekk qatt ma jista' jkun hemm ir-reat ta' frodi. B'dan pero' ma jistghax jinghad li l-*modus operandi* ma jaqghax taht provvedimenti ohra tal-Kapitolu 9 jew ta' xi ligi ohra.

Illi ghalhekk ir-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ma jirrizultax ippruvat.

Illi, pero' fil-kaz in ezami xorta jibqa' l-fatt u johrog evidenti li l-imputat abbuza mill-posizzjoni u l-kariga tieghu liema posizzjoni kellha tkun wahda ta' fiducja *qua* impjegat li jigbor flus ghall-kumpanija Arriva Malta Limited u ghalhekk jissussisti r-reat ta' misapproprjazzjoni.

Illi l-Qorti ssib konfort anki fl-istqarrija tal-imputat li nghatat bil-kawteli kollha inkluz id-dritt tal-parir legali fejn l-imputat

ikkonferma u ammetta huwa stess illi uza l-*pin number* 9999 fost ohrajn biex johrog biljetti li ma jidhrux taht ismu.

Il-Qorti nnutat ukoll li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza u fil-fatt qatt ma mar lura fuq dak li qal fl-istqarrija tieghu. Illi ghalhekk l-ewwel (1) akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi ghalhekk tirrizulta ppruvata wkoll it-tielet (3) akkuza fejn fil-fatt l-imputat uza kodici ta' dhul, u cioe` *pin number,* ta' persuna ohra u li fil-fatt ma kinitx moghtija lilu mill-kumpanija Arriva Malta Limited. Jesmond Sghendo stess fl-istqarrija tieghu qal li kien juza *pin numbers* differenti sabiex johrog biljetti li ma jkunux taht ismu.

Illi ghal darb'ohra l-Qorti tirrileva li l-imputat qatt ma ressaq prova kontrarja in difiza u di fatti qatt ma kkontradixxa l-istqarrija tieghu.

Illi din il-Qorti tirrimarka li minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li l-imputat waqt l-andament ta' dawn il-proceduri radd lura lil Arriva Malta Limited is-somma approprjata jew parti minnha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 308, 337C (1)(i), 337F (1) (2) (3)(a) u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Jesmond Sghendo** hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**